

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ġunju 2016 – Telefónica vs Il-Kummissjoni(Kawża T-216/13) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Swieq tat-telekomunikazzjoni tal-Portugall u ta’ Spanja — Klawżola ta’ nuqqas ta’ kompetizzjoni fis-suq Iberiku inserita fil-kuntratt għax-xiri minn Telefónica tas-sehem ta’ Portugal Telecom fl-operatur Brażiljan ta’ telefonija mobbli Vivo — Protezzjoni legali ‘sa fejn awtorizzat mil-liġi’ — Ksur skont is suġġett — Restrizzjoni aċċessorja — Awtonomija tal-aġir tar-rikorrenti — Kompetizzjoni potenzjali — Ksur skont l-effetti — Kalkolu tal-ammont tal-multa — Talba għas-smiġħ tax-xhieda”)

(2016/C 287/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Telefónica, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Folguera Crespo, P. Vidal Martínez u E. Peinado Iribar, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Giolito u C. Urraca Caviedes, aġenti)

Suġġett

Prinċipalment, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 306 finali, tat-23 ta’ Jannar 2013, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE (Każ COMP/39.839 – Telefónica vs Portugal Telecom), u, sussidjarjament, talba għal tnaqqis fil-multa.

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 306 finali, tat-23 ta’ Jannar 2013, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE (Każ COMP/39.839 – Telefónica vs Portugal Telecom), huwa annullat sa fejn jiffissa l-ammont tal-multa imposta fuq Telefónica, SA għal EUR 66 894 000, peress li dan l-ammont ġie ffissat abbażi tal-valur tal-bejgħ stmat mill-Kummissjoni Ewropea.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Telefónica għandha tbat i tliet kwarti mill-ispejjeż tagħha kif ukoll kwart mill-ispejjeż tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tbat i tliet kwarti mill-ispejjeż tagħha kif ukoll kwart mill-ispejjeż ta’ Telefónica.

⁽¹⁾ ĠU C 156, 01.06.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta’ Ġunju 2016 – AF Steelcase vs EUIPO(Kawża T-652/14) ⁽¹⁾

(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offerti — Provvista u installazzjoni ta’ għamara u ta’ aċċessorji fil-bini tal-EUIPO — Ċaħda tal-offerta ta’ offerent — Rikors għal annullament — Deċiżjoni ta’ għoti — Assenza ta’ interess dirett — Inammissibbiltà — Obbligu ta’ motivazzjoni — Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba — Proporzjonalità — Sistema ta’ esklużjoni ta’ offerti — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Dannu materjali — Dannu morali”)

(2016/C 287/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: AF Steelcase MA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: S. Rodríguez Bajón u A. Gómez-Acebo Dennes, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment N. Bambara u M. Paolacci, sussegwentement N. Bambara u J. Crespo Carrillo, aġenti)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-EUIPO tat-8 ta' Lulju 2014 li tiċħad l-offerta magħmula mir-rikorrenti fil-kuntest ta' sejħa għal offerti li tirrigwarda l-provvista u l-installazzjoni ta' għamara u ta' aċċessorji fil-bini tal-EUIPO (ĠU 2014/S 023-035020) u tad-deċiżjonijiet konnessi mad-deċiżjoni ta' ħahda tal-offerta tar-rikorrenti, inkluża, jekk ikun il-każ, id-deċiżjoni ta' għoti, kif ukoll talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura ta' sejħa għal offerti fl-istadju ta' qabel id-deċiżjoni tat-8 ta' Lulju 2014 u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-danni li r-rikorrenti allegatament ġarrbet.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *AF Steelcase, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 380, 27.10.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ġunju 2016 – Peri vs EUIPO (Forma ta' lukkett għal shuttering)

(Kawża T-656/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea tridimensjonali — Forma ta' lukkett għal shuttering — Raġuni assoluta għal rifjut — Sinjal ikkostatitwit esklużivament mill-forma tal-prodott neċessarju għall-ksib ta' riżultat tekniku — Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2016/C 287/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Peri GmbH (Weißenhorn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Bognár u M. Eck, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Ġunju 2014 (Każ R 1178/2013-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali kompost minn forma ta' lukkett għal shuttering bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Peri GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 388, 3.11.2014.